MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF**
**DAVID SCICLUNA**

Seduta ta' l-24 ta' Novembru, 2004

Appell Kriminali Numru. 103/2004

**Il-Pulizija**

**vs**

**Mario Zammit**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba mill-Pulizija Ezekuttiva kontra Mario Zammit talli fit-18 ta' Ottubru, 1996 u fl-ahhar xhur qabel dina d-data, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti, li jiksru l-istess dispozizzjonijiet tal-ligi, u li kienu maghmulin b'rizoluzjoni wahda:-

(1) Forna jew ipprokura jew offra li jforni d-droga eroina, specifikata fl-ewwel skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, lil persuna/i jew ghal persuna/i minghajr ma kellu licenzja mill-President ta' Malta u minghajr ma kien awtorizzat bir-Regoli tal-1939

ghall-Kontroll Intern tad-Drogi Perikoluzi (G.N. 292/1939) jew minn xi awtorita` moghtija mill-President ta' Malta li jforni d-droga msemmija minghajr ma kien fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew ghall-esportazzjoni mahrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-disposizzjonijiet tas-6 Taqsima tal-Ordinanza msemmija, u minghajr ma kellu licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew iforni d-droga msemmija u minghajr ma kellu licenzja li jipprokura l-istess droga;

(2) Ukoll talli kellu fil-pussess tieghu id-droga eroina., specifikata fl-Ewwel Skeda tal-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap. 101 tal-Ligijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazzjoni ghall-importazzjoni jew esportazzjoni mahrug miut-Tabib Principali tal-Gvern, skond id-disposizzjonijiet tar-4 u tas-6 Taqsima tal-Ordinanza, u meta ma kienx bil-licenzja jew xort'ohra awtorizzat li jimmanifattura jew li jforni s-sroga msemmija u ma kienx b'xi mod iehor bil-licenzja mill-President ta' Malta li jkollu fil-pussess tieghu din id-droga, u naqas li jipprova li d-droga msemmija giet fornuta lilu ghall-uzu tieghu skond ir-ricetta kif provdut fir-regolamenti msemmija, liema droga nstabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tieghu;

(3) Ukoll talli kiser il-kundizzjonijiet ta’ sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta (Awla 9) fil-5 ta’ Settembru 1995;

(4) Ukoll talli sar recidiv b’sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati ta' Malta fis-16 ta’ Ottubru 1995;

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika l-piena skond il-ligi, tordna lill-imputat sabiex ihallas l-ispejjes li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti, skond l-artiklu 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tal-15 ta’ April 2004 li permezz taghha dik il-Qorti, filwaqt li sabet lill-imsemmi Mario Zammit hati ta' l-ewwel u tat-tieni imputazzjonijiet kif ukoll talli huwa recidiv u kkundannatu ghal multa ta’ elf liri

(Lm1,000) u ghal prigunerija ta’ sitt snin kif ukoll ghall-hlas ta' l-ispejjez ta' l-esperti fi zmien xahar mid-data tas-sentenza appellata u ordnat il-konfiska tad-droga esibita u d-distruzzjoni taghha taht id-direzzjoni tar-Registratur tal-Qorti, ma ttrattatx mieghu dwar ksur tal-provvedimenti tas-sentenza tal-5 ta' Ottubru 1995 tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali peress illi dik-is-sentenza tirreferi ghal sentenza ohra moghtija mill-Qorti ta' Appell Kriminali fit-22 ta' Ottubru 1993 li ma gietx esebita f'dawn il-proceduri;

Rat ir-rikors ta’ appell ta' l-imsemmi Mario Zammitipprezentat fis-27 ta’ April 2004 li permezz tieghu talab li din il-Qorti tirriforma s-sentenza appellata billi tikkonfermaha dwar id-dikjarazzjoni ta’ htija dwar pussess, tikkonfermaha fejn iddikjarat li ma tistax tapplika dwar ksur ta’ sentenza precedenti u dwar l-ispejjez peritali, u tirrevokaha dwar id-dikjarazzjoni ta’ htija dwar li spacc, u fi kwalunkwe kaz tirriformaha dwar il-piena billi taghti wahda aktar miti li taghmel ghall-kaz;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Semghet it-trattazzjoni tad-difensuri tal-partijiet;

Ikkunsidrat:

L-ewwel aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-apprezzament li ghamlet l-ewwel Qorti tal-provi li jinsabu traskritti fil-process, u b'mod partikolari ta' dak li xehdet Maria Claudette Camilleri dwar il-bejgh ta' eroina mill-appellant. Filwaqt li l-appellant jammetti r-reat ta' pussess huwa ma jammettix it-traffikar u jsostni fir-rikors ta' appell tieghu li l-verzjoni li tat Maria Claudette Camilleri kienet assolutament falza.

Issa huwa principju stabilit fil-gurisprudenza ta' din il-Qorti (kemm fil-kaz ta' appelli minn sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati kif ukoll fil-kaz ta' appelli minn verdetti u sentenzi tal-Qorti Kriminali) li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezzament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghall-konkluzjoni li dik il-Qorti setghet

ragjonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tirrimpjazzax id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi ezercitata mill-ewwel Qorti izda taghmel apprezzament approfondit tal-istess biex tara jekk dik l-ewwel Qorti kinitx ragjonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk izda din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura din tkun raguni valida, jekk mhux addirittura impellenti, sabiex din il-Qorti tiddisturba dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni[1].

F'**Blackstone's Criminal Practice 2001** naqraw ukoll (para. D22.15 pagna 1622):

**The case of *Cooper* [1969] 1 QB 267 continues to provide guidance on how the word 'unsafe' should be interpreted in determining a criminal appeal. In that case, Lord Widgery CJ explained that if the overall feel of a case left the court with a 'lurking doubt' as to whether an injustice may have been done, then a conviction will be quashed, notwithstanding that the trial was error-free. Lord Widgery said (at p. 271 C-G):**

**[This is] a case in which every issue was before the jury and in which the jury was properly instructed, and, accordingly, a case in which this court will be very reluctant indeed to intervene. It has been said over and over again throughout the years that this court must recognise the advantage which a jury has in seeing and hearing the witnesses, and if all the material was before the jury and the summing-up was**

---

[1] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta vs Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Mustafa Ali Larbed**; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta vs George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija vs Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija vs Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija vs Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija vs Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija vs Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija vs Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija vs Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija vs Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija vs Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

**impeccable, this court should not lightly interfere. Indeed, until the passing of the Criminal Appeal Act 1966 [which somewhat widened the court's powers to quash a conviction] it was almost unheard of for this court to interfere in such a case.**

**However, now our powers are somewhat different, and we are indeed charged to allow an appeal against conviction if we think that the verdict of the jury should be set aside on the ground that under all the circumstances of the case it is unsafe or unsatisfactory. That means that in cases of this kind the court must in the end ask itself a subjective question, whether we are content to let the matter stand as it is, or whether there is not some lurking doubt in our minds which makes us wonder whether an injustice has been done. This is a reaction which may not be based strictly on the evidence as such; it is a reaction which can be produced by the general feel of the case as the court experiences it.**

Fis-sentenza moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (Sede Superjuri) fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs Ivan Gatt** fl-1 ta' Dicembru 1994, intqal:

**"Fi kliem iehor, l-ezercizzju ta' din il-Qorti fil-kaz prezenti u f'kull kaz iehor fejn l-appell ikun bazat fuq apprezzament tal-provi, huwa li tezamina l-provi dedotti f' dan il-kaz, tara jekk, anki jekk kien hemm versjonijiet kontradittorji - kif normalment ikun hemm - xi wahda minnhom setghetx liberament u serenament tigi emmnuta minghajr ma jigi vjolat il-principju li d-dubju ghandu jmur favur l-akkuzat , u jekk tali versjoni setghet tigi emmnuta w evidentement giet emmnuta, il-funzjoni, anzi d-dover ta' din il-Qorti huwa li tirrispetta dik id-diskrezzjoni u dak l-apprezzament"**

Din il-Qorti ghamlet ezami approfondit tal-provi kollha migbura mill-ewwel Qorti u li jinkludu l-provi migbura fl-inkjesta magisterjali, biex tara jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni ta' htija

dwar l-imputazzjonijiet kif dedotti kontra l-appellant, cioe` dak ta' traffikar tad-droga eroina u dak ta' pussess tad-droga eroina mhux ghall-uzu esklussiv tieghu. L-ewwel Qorti evidentement emmnet lil Maria Claudette Camilleri u qalet dwarha li din "dejjem baqghet konsistenti fil-verzjoni li tat, kemm meta giet investigata mill-pulizija u rrilaxxjat stqarrija, kemm matul il-kors ta' l-inkjesta, kemm matul il-proceduri li hadu l-pulizija kontra taghha u kif ukoll fil-proceduri odjerni".

L-appellant jghid li llum huwa maghruf ghal min hu fil-qasam, u mhux biss ghall-avukati, illi l-artikolu 29 tal-Kap. 101 jista' jkun ta' beneficcju kbir u l-kooperazzjoni mal-Pulizija tista' tfisser illi akkuza ma tinghatax lil persuna li taghmel certi stqarrijiet izda tinghata lil persuna li tissemma'. Dak li ma qalx l-appellant pero` huwa li Maria Claudette Camilleri ukoll giet akkuzata bi traffikar tad-droga eroina u b'pussess tad-droga eroina mhux ghall-uzu esklussiv taghha (ara fol. 115), jigifieri l-istess bhalma gie akkuzat l-appellant. Mis-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fis-6 ta' April 2000 u presjeduta mill-Magistrat (illum Imhallef) Dr. Noel Cuschieri, dik il-Qorti esprimiet il-fehma li kien il-kaz li jigi applikat l-artikolu 29 tal-Kap. 101 bil-beneficcju massimu, cioe` billi jitnaqqsu zewg gradi mill-piena.

L-appellant jghid li l-kwadru ta' hajjet Maria Claudette Camilleri huwa ferm differenti minn dak li ppruvat tipprospetta. Isostni li huwa inutili li wiehed jghid illi l-istess persuna baqghet konsistenti dejjem ghaliex min ikun irid jigdeb biex jghatti xawwatu jibqa' jigdeb konsistentement u l-verzjoni li jaghzel jibqa' maghha. U jkompli: "Bir-rispett kollu dan jinghad l-aktar fejn jidhlu nisa li l-verzjoni li jaghtu ghandhom stamina iktar biex izommu maghha milli ragel". U huwa ghalhekk li talab li tingieb kopja tal-fedina penali ta' Maria Claudette Camilleri.

Effettivament din il-Qorti ordnat li tingieb kopja ta' dik il-fedina penali u minnha jirrizulta biss zewg kundanni, wahda hija dik tas-6 ta' April 2000 msemmija b'dan li jirrizulta li gie erronejament indikat li nstabet hatja wkoll ta'

traffikar tad-droga eroina meta hija giet illiberata minnha, u kundanna ohra hija tat-22 ta' Lulju 2002 dwar pussess semplici tad-droga eroina u ta' ecstasy fl-10 ta' Frar 2002. Kull ma tista' tikkonkludi din il-Qorti mill-fedina penali ta' Maria Claudette Camilleri huwa li fl-10 ta' Frar 2000 jew ma kinitx ghadha harget mill-problema tad-droga jew, kif l-appellant stess fir-rikors ta' appell tieghu jghid li gara lilu, kellha xi *relapse*. Ma jirrizultax minnha li qatt nstabet hatja li xehdet il-falz! Barra minn hekk is-sentenza appellata nghatat mill-ewwel Qorti ppresjeduta mill-Magistrat Dott. Abigail Lofaro li wkoll sabet verosimili l-verzjoni ta' Maria Claudette Camilleri.

Din il-Qorti nnotat ukoll li fl-istqarrija li l-appellant ghamel lill-Pulizija fid-19 ta' Ottubru 1996, huwa qal li s-sitt qratas eroina li nstabu fuq il-persuna tieghu kien xtrahom dakinhar stess li gie arrestat, anqas minn siegha qabel, meta kien ma' Maria Claudette Camilleri li pero` ma xtrat xejn. Din id-dikjarazzjoni tieghu dwar il-provenjenza tal-qratas ma tistax titwemmen. Jirrizulta fil-fatt illi Maria Claudette Camilleri kellha wkoll ghaxar qratas bl-eroina u li kemm il-qratas li kellu l-appellant kif ukoll il-qratas li kellha Camilleri kienu mdawrin b'bicca polythene vjola kompatibbli kemm fil-kulur kif ukoll fil-hxuna ma' bicca tarf issigillat (Dok. 96CMA03-3) u baskett tal-polythene li kellu erba' bicciet maqtugha minnu u nieqsa (Dok. 96CMA04) elevati mir-residenza ta' l-appellant (ara rapport forensiku a fol. 48). Inoltre l-qratas li kienu fil-pussess ta' l-appellant u dawk fil-pussess ta' Camilleri kif ukoll qartas iehor elevat mir-residenza ta' l-appellant (Dok. 96CMA03-2) kienu kollha kompatibbli mal-karti ta' pitazz "Diplomat" (Dok. 96CMA05g) ukoll elevat mir-residenza ta' l-appellant; din il-kompatibilita` kienet kemm f'rigward il-kulur tar-rigi, wisa' tar-rigi, posizzjoni u kulur tar-rig vertikali u hxuna tal-karta (ara rapport forensiku a fol. 48). Dawn huma provi li jikkorroboraw il-verzjoni li tat Camilleri.

F'dawn ic-cirkostanzi din il-Qorti ma ssib l-ebda raguni biex tvarja l-konkluzjoni raggunta mill-ewwel Qorti li l-appellant huwa hati kemm ta' traffikar tad-droga eroina kif ukoll li kellu fil-pussess tieghu d-droga eroina mhux ghall-

uzu esklussiv tieghu (u mhux allura l-pussess semplici li huwa ammetta).

L-appellant jilmenta wkoll dwar il-piena. Ghalkemm jammetti li hija fil-parametri tal-ligi, isostni li kienet gravi fic-cirkostanzi tieghu specjalment meta ghadda z-zmien mir-reat u ma kienx hemm fatti gravissimi fil-frattemp. Jghid ukoll li minn dak iz-zmien huwa ghandu familja *de facto*.

Kif korrettement qal l-appellant il-piena nflitta mill-ewwel Qorti hija fil-parametri tal-ligi. Difatti l-piena ghal kull wahda miz-zewg imputazzjonijiet li dwarhom instab hati hija ta' prigunerija ghal zmien mhux inqas minn sitt xhur izda mhux izjed minn ghaxar snin u multa ta' mhux inqas minn mitejn lira izda mhux izjed minn hamest elef lira. Oltre dan l-appellant instab hati li huwa recidiv u ghalhekk il-Qorti tista' zzid il-piena bi grad wiehed.

Dwar il-kwistjoni tat-trapass taz-zmien, din il-Qorti diversament presjeduta fis-sentenza taghha fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et** moghtija fit-2 ta' Ottubru 2002 qalet hekk:

**"Issa apparti li kif gie spjegat aktar 'il fuq f'din is-sentenza l-appellanti jew uhud minnhom kienu huma stess il-kagun ta' parti miz-zmien li fih twal il-process, il-fattur tat-trapass taz-zmien ma jnaqqas xejn mir-responsabbilta` kriminali tal-hati (ara: Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Attard (24.7.2000) u Ir-Repubblika ta' Malta vs Joseph Attard u Angelo Attard (24.7.2000)).**

**Jista' pero` f'xi kazi jigi konsidrat ghall-fini tal-piena kif gie ritenut fil-kazijiet appena citati u kif gie ritenut minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-kawza 'Il-Pulizija vs Geoffrey Azzopardi' (29.1.2001) ghalkemm f'din l-ahhar sentenza l-konsiderazzjonijiet ta' din il-Qorti biex varjat il-piena ma kinux limitati biss ghal dik tat-trapass taz-zmien imma kienu wkoll bazati fuq motivazzjoni ohra.**

**Illi fil-fehma ta' din il-Qorti t-trapass taz-zmien jista' jagevola lill-persuna akkuzata ghall-fini ta' piena meta huwa juri li tul dak iz-zmien hu jkun zamm lura mill-ksur serju tal-ligijiet u wera certu impenn biex jirriforma. Il-bqija tkun ingustizzja li xi hadd jibbenefika minn tul ta' zmien zejjed fil-process specjalment jekk dak it-tul ikun in toto jew in parti kagunat jew provokat minnu stess - kif gara f'dan il-kaz - u dana a skapitu ta' dawk l-akkuzati li l-process taghhom jinqata' aktar malajr ghal raguni jew ghal ohra."**

Fil-kaz in ezami jirrizulta li  r-reati addebitati lill-appellant jirrisalu ghal Ottubru 1996 u l-ahhar xhur qabel dik id-data. Huwa tressaq il-Qorti fit-18 ta' April 2000. Dan kien dovut ghall-fatt li kellhom l-ewwel jigu terminati l-proceduri kontra Maria Claudette Camilleri li effettivament gew terminati fis-6 ta' April 2000. Dan ifisser li l-appellant tressaq il-Qorti akkuzat bl-imputazzjonijiet odjerni tnax-il gurnata biss wara li gew terminati definittivament il-proceduri kontra Camilleri. Il-prosekuzzjoni lestiet il-provi taghha fl-1 ta' Frar 2001 u fit-2 ta' Marzu 2001 l-Avukat Generali ordna li l-appellant jigi processat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali. Mit-22 ta' Marzu 2001 imbaghad il-kawza bdiet tithalla ghall-provi tad-difiza. L-appellant biddel id-difensur tieghu u xi zmien lejn l-ahhar tas-sena 2001 jidher li saret talba biex tigi ingunta Maria Claudette Camilleri. Saru diversi tentattivi inutilment. Ghas-seduta tas-16 ta' Jannar 2003 jidher li giet notifikata, ma dehritx, instabet hatja ghal disprezz u nhareg mandat ta' arrest kontra taghha. Fis-seduta ta' wara ma deherx l-appellant u gie kkundannat ukoll ghal disprezz. Ma jirrizultax li Camilleri qatt regghet giet notifikata bhalma lanqas ma jirrizulta li gie esegwit il-mandat ta' arrest. Fil-15 ta' Jannar 2004 il-kawza thalliet ghas-sentenza ghas-6 ta' April 2004 bil-fakolta` lill-partijiet li jaghmlu noti. Saret biss nota ta' sottomissjonijiet mill-prosekuzzjoni. Is-sentenza nghatat fil-15 ta' April 2004. Fis-sentenza taghha l-ewwel Qorti esprimiet ruhha hekk:

"Rat il-verbali taghha ta' l-10 ta' Lulju 2002 u tas-26 ta' Marzu 2003, liema verbali gew notifikati lill-Avukat

difensur ta' l-imputat. Rat ukoll illi l-kawza kienet ilha differita ghall-provi tad-difiza mit-22 ta' Marzu 2001 u illi ripetutament l-avukat difensur ta' l-imputat ma deherx ghas-seduta, jew ma ressaq l-ebda provi meta deher.

Illi l-Qorti certament ma setghetx tippermetti aktar telfien ta' zmien f'din il-kawza. Ghaldaqstant il-Qorti kellha thalli l-kawza ghas-sentenza fuq il-provi li kellha".

Minn dan kollu jidher car li d-dewmien fil-process kien almenu in parti dovut ghall-appellant stess.

L-appellant jghid li fil-frattemp ma kienx hemm "fatti gravissimi". Ir-reati odjerni jirrisalu ghat-18 ta' Ottubru 1996 u x-xhur ta' qabel. Mill-fedina penali aggornata ta' l-appellant jidher li fil-15 ta' Ottubru 1997 huwa gie kkundannat sentejn prigunerija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali ghal reati ta' falsifikazzjoni kommessi ftit aktar minn xahar wara dik id-data, cioe` fit-22 ta' Novembru 1996. Din il-Qorti ma tqisx dan bhala fatt li mhuwiex "gravissimu". Imbaghad isegwu dawn is-sentenzi mill-Qorti tal-Magistrati: fit-22 ta' Frar 1998 gie kkundannat Lm300 multa fuq, *inter alia*, pussess tad-droga eroina; fil-31 ta' Jannar 2002 tqieghed taht *probation* ghal sentejn fuq pussess tad-droga eroina; fil-25 ta' April 2002 rega' tqieghed taht *probation* ghal tliet snin fuq kaz iehor ta' pussess tad-droga eroina; fit-23 ta' Ottubru 2002 instab hati ta' xi kontravvenzjonijiet fejn sahansitra hebb ghal persuna fid-Detox Centre. Apparti dawn il-kazijiet, jirrizulta li gie kkundannat ghall-hlas ta' multa jew ta' ammenda disa' darbiet ohra, tqieghed taht *probation* darbtejn ohra, inghata *conditional discharge* darba, sentenza sospiza ta' prigunerija darbtejn u zewg sentenzi ohra ta' prigunerija effettiva ta' sitt xhur kull wahda. Jigifieri l-appellant inghata l-beneficcji kollha possibbli mill-Qrati taghna biex jaqbad it-triq it-tajba izda huwa ma tantx deher propens li jbiddel il-hajja refrattarja tieghu. U stante li r-reati odjerni huma reati "gravissimi", il-piena opportuna hija dik ta' prigunerija effettiva.

Dwar il-fatt li issa ghandu familja, filwaqt li din il-Qorti tissimpatizza mal-familja ta' l-appellant li, minhabba l-agir

irresponsabbli tieghu, trid issofri ulterjorment, dan il-fattur ma jistax jigi accettat bhala attenwant ghall-fini ta' piena.

Ghal dawn il-motivi:

Tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma s-sentenza appellata b'dan li l-perijodu ghall-hlas ta' l-ispejjez ta' l-esperti jibda jiddekorri millum.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------